



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Novembru 2008 (15.01)
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0223 (COD)**

**15929/08
ADD 2**

**ENER 398
ENV 850
CODEC 1592**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Novembru 2008
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Dokument anċillari mal-Proposta għar-riformulazzjoni tad- Direttivadwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (2002/91/ke) = Taqsira tal-valutazzjoni tal-impatt

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2008) 2865.

Mehmuż: SEC(2008) 2865



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 13.11.2008
SEC(2008) 2865

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument anċillari mal-

**PROPOSTA GĦAR-RIFORMULAZZJONI TAD-
DIRETTIVA DWAR IL-PRESTAZZJONI TAL-ENERĠIJA TAL-BINI (2002/91/KE)**

TAQSIRA TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

{COM(2008) 780 finali}
{SEC(2008) 2864}

TAQSIRA TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Is-settur tal-bini tal-UE u l-għanijiet tal-politika tal-UE

L-użu tal-enerġija f' bini residenzjali u kummerċjali jirrappreżenta parti kbira, madwar 40%, tal-konsum totali tal-enerġija tal-UE u tal-emissjonijiet tas-CO₂. Attivitàjiet li għandhom x'jaqsmu mal-bini jagħmlu parti konsiderevoli mill-ekonomija tal-UE, madwar 9% tal-PGD tal-UE u 7-8% tal-qagħad fl-UE rispettivament. Il-potenzjal għall-iffrankar ekonomiku tal-enerġija, li jista' jwassal għal benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali huwa sostanzjali. Għalhekk, is-settur tal-bini tal-UE jista' jkollu rwol ewlieni fl-ilħiq ta' tkabbir ekonomiku fl-UE u biex jintlaħqu l-għanijiet politiċi tal-enerġija u tal-klima, filwaqt li jikkontribwixxi għal livell imtejjeb ta' kumdità u għal kontinwità tal-enerġija orħos għaċ-ċittadini. L-effiċjenza fl-enerġija tal-bini hija wkoll parti importanti mill-inizjattivi usa' biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE dwar l-enerġija u l-bidla fil-klima, kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa* ¹

Azzjoni leġislattiva tal-UE

Mill-istrumenti ċentrali eżistenti tal-UE, id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini (EPBD) hija għodda ewlenija li tipprovdi strateġija ħolistika għall-użu effiċjenti tal-enerġija fis-settur tal-bini. Hija tkopri l-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma, għat-tkessiħ, il-ventilazzjoni u d-dawl.

Id-Direttiva tgħaqqad f'test legali strumenti differenti, sew regolatorji (jiġifieri r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija) kif ukoll strumenti msejsin fuq it-tagħrif (jiġifieri iċ-ċertifikati u l-ispezzjonijiet).

- L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija għall-bini ġdid u għall-bini eżistenti kbir li ssirlu xi rinnovazzjoni estensiva.
- L-Istati Membri għandhom jintroduċu skema għaċ-ċertifikati dwar il-prestazzjoni tal-enerġija li tipprovdi tagħrif dwar il-kwalità tal-enerġija ta' bini u dwar x'jista' jittejjeb. Iċ-ċertifikati huma validi għal 10 snin u għandhom jiġu ppreżentati lix-xerrejja/lill-kerrejja potenzjali.
- L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema għall-ispezzjoni regolari tas-sistemi tal-arja kkundizzjonata mdaqqsin u kbar biex il-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom tkun immonitorjata u ottimizzata. Bħala alternattiva, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu kampanji promozzjonali jekk huma juru li huma effettivi daqs l-ispezzjonijiet tas-sistemi tat-tisħin.

Id-Direttiva ma tiffissax il-livelli konkreti mifruxa mal-UE, imma tobbliga lill-Istati Memri li jistipulaw il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha. Jeħtiġilhom ukoll jiżviluppaw il-metodoloġija tagħhom stess jew jużaw l-istandards eżistenti Ewropej għall-kalkulazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini u jiżguraw li għandhom biżżejjed esperti kwalifikati biex jesegwixxu iċ-ċertifikati u l-ispezzjonijiet.

¹ COM(2007) 1.

Sa issa l-kontribuzzjoni ewlenija tal-EPBD kienet li daħħlet is-suġġett tal-effiċjenza fl-enerġija tal-bini fl-aġenda politika, fil-kodiċijiet għall-bini u għall-attenzjoni taċ-ċittadini. L-implimentazzjoni kienet sfida għal ħafna Stati Membri imma fil-preżent 22 minnhom jiddikkjaraw traspożizzjoni sħiħa (li qed tiġi evalwata). F’dak li jirrigwarda l-ispejjeż tal-implimentazzjoni, diversi Stati Membri rrapportaw spejjeż moderati imma titjib sostanzjali f’dak li jirrigwarda l-iffrankar tal-enerġija fis-settur tal-bini li huwa frott tad-Direttiva.

Hemm bżonn ta’ aktar ħidmiet?

Minkejja l-azzjonijiet li diġà saru fis-settur tal-bini, potenzjal kbir ta’ ffrankar ekonomiku tal-enerġija għadu mhux qed jiġi użat. Dan huwa minħabba l-kumplessità tas-settur u minħabba l-eżistenza tal-fallimenti tas-suq (eż. internalizzazzjoni mhux kompluta tal-esternalitajiet fil-prezzijiet tal-enerġija, problemi bejn sidien il-kera u l-kerrejja, tagħrif mhux perfett u l-livell baxx tal-adozzjoni ta’ teknoloġiji ġodda u innovattivi) imma wkoll minħabba l-limitazzjonijiet tad-diċitura tal-EPBD kurrenti u l-livell baxx tal-ambizzjoni fl-implimentazzjoni tagħha.

Il-modi alternattivi possibbli biex jiġu ttrattati l-isfidi huma:

- li titħassar l-EPBD u tiġi sostitwita bi strumenti politiċi ‘mhux vinkolanti’. Dan jimplika azzjonijiet proattivi u ambizzjużi u spejjeż għoljin ħafna għall-Istati Membri kollha.
- kollox jibqa’ kif inhu jew ‘tagħmel xejn aktar’ mill-miżuri eżistenti, inkluża l-implimentazzjoni kontinwa u mtejbja. F’dan il-każ, il-potenzjal li huwa barra mill-EPBD imma wkoll il-potenzjal sħiħ tagħha, mhumiex se jintużaw.
- azzjoni tal-UE bi strumenti komplementari u mtejbja tal-EPBD attwali.

Mit-tliet alternattivi politiċi, l-akbar kontribut biex jintlaħqu l-għanijiet politiċi tal-UE jista’ jinkiseb permezz tar-reviżjoni tal-EPBD. Dan jista’ jsir billi jiġu mmodifikati d-dispożizzjonijiet attwali li jżommu l-prinċipji u l-essenza tagħhom imma jtejbju b’mod sinifikanti l-effiċjenza tagħhom. Dan jiffaċilita t-traspożizzjoni u l-fehim tal-modifikazzjonijiet proposti. Fl-istess ħin, se jiġi sfruttat sehem akbar ta’ benefiċċji potenzjali u relatati. L-implimentazzjoni kontinwa tal-EPBD hija ta’ importanza kruċjali.

Madankollu, is-soluzzjoni hija taħlita integrali ta’ strumenti politiċi, u allura miżuri oħra mhux regolatorji, li għalkemm mhumiex biżżejjed waħedhom, huma neċessarji biex jikkumplimentaw l-implimentazzjoni tal-EPBD. L-isforzi biex jiġu pprovduti aktar inċentivi finanzjarji u fiskali, tagħrif, taħriġ tal-esperti, u qbil fuq azzjonijiet volontarji għandhom jissaħħu. L-istrumenti tan-‘normi mhux vinkolanti’ li diġà jinsabu fl-EPBD attwali għandhom ikomplu jiġu żviluppati.

Id-dritt tal-UE li tagħmel dawn il-ħidmiet

It-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-protezzjoni tal-ambjent huma sfidi li jirrikjedu azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE. L-effiċjenza fl-enerġija tipprovdri parti mis-soluzzjoni għal dawn il-problemi u l-istrumenti f’dan il-qasam, li diġà ġew adottati fil-livell tal-UE, jirrifletti dan il-bżonn għall-azzjoni tal-Komunità.

Is-settur tal-bini huwa responsabbli għal bejn wiehded u ieħor nofs l-emissjonijiet tas-CO₂ mhux koperti fl-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet u għandu potenzjal sostanzjali ta’ tnaqqis tas-CO₂ b’bilanċ negattiv jew bi tnaqqis baxx fuq l-ispiża. Id-dettalji tas-settur tal-bini

jillimitaw ir-rata tal-gwadanji tal-effiċjenza fl-enerġija u l-prodotti tal-kostruzzjoni, l-għodda u s-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-bini huma parti importanti mis-suq intern tal-UE. Barra minn hekk, biż-żieda tal-mobilità tan-nies u bl-għadd ta' negozji b'operat madwar l-UE, miżuri simili se jnaqqasulhom il-piż amministrattiv.

Għalhekk, l-għanijiet tal-effiċjenza fl-enerġija ma jistgħux jintlaħqu fi grad suffiċjenti mill-Istati Membri biss u l-azzjoni fil-livell tal-Komunità hija meħtieġa biex tiffaċilita u tappoġġja l-adozzjoni tal-ħidmiet fuq livell nazzjonali. L-elementi ewlenin tal-EPBD attwali diġà ġew diskussi mil-lenti tal-prinċipji sussidjarji u proporzjonali meta fl-2002 ġiet adottata d-Direttiva u ġiet eżaminata wkoll fil-prattika u wriet li l-approċċ kien f'loku.

X'għażliet hemm għal EPBD aħjar?

L-Evalwazzjoni tal-Impatt kkonkludiet li diversi aspetti tal-EPBD attwali jistgħu jittejjbu. Inġenerali dawn jirreferu, l-ewwelnett għar-reviżjoni ta' xi għażla ambigwa tal-kliem u t-tieni nett għal kull wieħed mill-pilastru ewlenin tad-Direttiva attwali. Fi ħdan kull pilastru ġew analizzati diversi għażliet fid-dawl tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali u għall-implikazzjonijiet fuq is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Għall-analiżi ġew użati sors kbir ta' dejta u sorsi ta' tagħrif: jiġifieri d-dejta tal-bażi tal-mudell PRIMES u l-previżjonijiet tad-DG TREN, il-mudell BEAM tal-Ecofys, aktar minn 35 studju, l-għarfien mill-implimentazzjoni tal-EPBD attwali u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati.

L-għażliet li ġew diskussi jinkludu taħlita ta' strumenti politiċi u jinkludu wkoll alternattivi mhux regulatorji, bħal tagħrif u miżuri oħra mhux vinkolanti. Ġew identifikati ħames oqsma ewlenin ta' azzjoni:

Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni

Dan huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tajba tal-EPBD. F'dan il-qasam hemm żewġ azzjonijiet ewlenin: (i) biex jiġi ċċarat u ssimplifikat it-test innifsu, u (ii) biex jingħażel il-format legali tajjeb (formulazzjoni mill-ġdid vs. emenda).

A: Limitu ta' 1000 m² għal bini eżistenti meta ssirli xi rinnovazzjoni estensiva

Id-dispożizzjonijiet attwali tal-EPBD, li bini eżistenti li huwa 'l fuq minn 1 000m² biss għandu jissodisfa ċertu rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija meta jkun għaddej minn rinnovazzjoni estensiva (jew l-investment ikun 'il fuq minn 25% tal-valur sħiħ tal-bini, l-art mhux inkluża, jew ir-rinovar jikkonċerna aktar minn 25% tal-qoxra tal-bini), ifissru li madwar 29% biss tas-settur tal-bini tal-UE se jiġi affettwat minn din id-dispożizzjoni. B'mod ċar, l-aqwa mument għall-introduzzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija huwa meta l-bini jkun għaddej minn rinnovazzjoni estensiva (bejn wieħed u ieħor kull 25-40 sena). B'dan il-mod, il-ħtiġijiet tal-investment addizzjonali mhumix għoljin u minħabba l-iffrankar tal-enerġija jergħu jitħallsu lura fil-perjodu tal-validità tal-miżuri.

Ġew analizzati tliet għażliet dwar l-estenzjoni possibbli tal-EPBD:

L-għażla A1: Jitbaxxa l-limitu għal 500 m²

L-għażla A2: Jitbaxxa l-limitu għal 200 m²

L-għażla A3: Jiġi eliminat għal kollox l-1000 m²

Għal kull għażla, l-Istati Membri xorta waħda se jibqgħu responsabbli li jistabbilixxu r-rekwiżiti individwali tal-effiċjenza fl-enerġija u t-tifsira tar-“rinnovazzjoni estensiva” trid tinżamm.

L-analiżi indikat li l-għażla A3 hija l-aktar waħda benefika.

B: Ċertifikati dwar il-prestazzjoni tal-enerġija

Iċ-ċertifikati, li diġà huma mandatorji taħt l-EPBD attwali, jistgħu jkunu għodda b'saħħitha biex jinholq suq mmexxi mid-domanda għall-bini effiċjenti tal-enerġija, u fl-istess ħin iħallu lill-aġenti ekonomiċi jistmaw l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-konsum tal-enerġija u tal-effiċjenza. Madankollu, fil-prattika xi ċertifikati li jinħarġu ma jkunux ta' kwalità sodisfaċenti jew ma jkunux disponibbli sistematikament waqt it-tranżazzjonijiet tal-propjetà. Dan kollu jaffettwa l-impatt reali taċ-ċertifikati.

L-għażla B1: Rekwiżiti ta' kwalità u kundizzjonalità għaċ-ċertifikati. Qed jiġi propost li jintalbu spezzjonijiet tal-kampjuni miġbura każwalment dwar il-kwalità taċ-ċertifikati u ta' kundizzjonalità mal-kodiċi tal-enerġija tal-bini li għandhom isiru mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-istituzzjonijiet akkreditati. Dan jiżgura li t-tagħrif fiċ-ċertifikati jkun ta' kwalità tajba u affidabbli. Huwa mistenni li dan se jġib miegħu żieda fir-rata ta' rinovar, u allura aktar iffrankar tal-enerġija.

L-għażla B2: Jenħtieġ li l-miżuri ekonomiċi rakkomandat taċ-ċertifikat jitwettqu f'ċertu perjodu ta' żmien. Rekwiżit bħal dan iwassal għal ħafna ffrankar imma wkoll għal piż finanzjarju sostanzjali għaċ-ċittadini Ewropej u għan-negozji għax il-miżuri mbagħad jistgħu ma jingħaqdux mar-“rinnovazzjoni estensiva” u għalhekk, ma jiġix ġġustifikati fil-livell tal-UE.

L-għażla B3: Iċ-ċertifikati jsiru parti mandatorja mir-rikamar tal-propjetà u/jew mid-dokumenti tat-tranżazzjonijiet tal-propjetà. Dan jimplika li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini tiġi inkluża fil-pubbliċità tat-tranżazzjonijiet tal-propjetà (simili għall-wiri tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-karozzi l-ġodda) u li ċ-ċertifikat irid jiġi ppreżentat ma' kull tranżazzjoni.

L-għażla B4: Jenħtieġ li jkun hemm rabta bejn iċ-ċertifikati u mekkaniżmi oħra ta' appoġġ jew skoraġġiment. Ġie ssuġġerit li t-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija ta' xi bini li ntlaħaq permezz ta' inċentiv finanzjarju, ikun muri jew iġġustifikat b'ċertifikat. Dan jgħin lis-sidien tal-propjetà/kerreġja biex jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-effettività tan-nefqa tal-investment tagħhom u jkun hemm prova li l-iffinanzjar ipprovdut verament iwassal għall-iffrankar tal-enerġija. Madankollu, rekwiżit bħal dan jista' ma jkunx konformi mal-prinċipju sussidjarju u jista' jkun hemm bżonn li ssir bidla fil-bażi legali tad-Direttiva.

L-analiżi indikat li l-għażliet B1 u B3 jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti fir-realizzazzjoni tal-għanijiet politiċi tal-UE msemmijin. L-għażla B4 tista' wkoll tkompli tiġi żviluppata barra mill-iskop tal-EPBD.

C: L-Ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata

Dawn is-sistemi għandhom potenzjal għoli ħafna ta' ffrankar tal-enerġija, sa 40-50% tal-użu totali tagħhom tal-enerġija. Fil-preżent, l-EPBD għandha bżonn spezzjoni regolari 'l fuq minn

ċertu limitu imma mhuwiex ċar x'jistgħu jkunu r-riżultati. Barra minn hekk, il-kwalità tal-ispezzjoni mhux dejjem tkun sodisfaċenti. Bħala riżultat ta' dan, huwa stmat li sal-2020 l-EPBD attwali tista' twassal biss għal 10% ffrankar tal-enerġija f'dan il-qasam. Hemm lok sostanzjali għal aktar iffrankar.

L-għażla C1: Jenħtieġ 'rapport dwar l-ispezzjoni' għas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata. Qed jiġi propost li 'r-rapport dwar l-ispezzjoni' li għandu jinkludi rata tal-effiċjenza fl-enerġija tas-sistemi tat-tisħin/tkessi u rakkomandazzjonijiet għat-titjib, isir minn xi esperti indipendenti u jingħata lil sid il-bini. Ir-rapport ikun aġġornament importanti tar-rekwiżiti eżistenti u jgħin lill-konsumaturi biex jidentifikaw il-possibiltajiet importanti għall-iffrankar ekonomiku tal-enerġija.

L-għażla C2: Jiġu introdotti r-rekwiżiti ta' kundizzjonalità Qed jiġi propost li jiġu introdotti spezzjonijiet tal-kampjuni miġbura każwalment tar-rapporti dwar l-ispezzjoni ta' livelli ta' dettall differenti. Dan ikun jista' jassigura li l-ispezzjonijiet qed isiru regolarment u li huma ta' kwalità sodisfaċenti.

L-analiżi indikat li l-għażliet C1 u C2 f'daqqa huma l-aktar benefiċi.

D: Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija

Fil-preżent, l-Istati Membri jiddeterminaw ir-rekwiżiti individwali tal-effiċjenza fl-enerġija u l-livelli tal-ambizzjoni tagħhom. Dawn bejn wiehied u ieħor ivarjaw madwar l-Ewropa, anke f'żoni klimatiċi simili, u l-ogħla livelli tal-ispejjeż ma jintlaħqux minn ħafna Stati Membri. Minħabba li l-approċċi tal-kalkulazzjoni u l-parametri użati huma differenti, huwa diffiċli li jitqabblu t-transfruntieri differenti. Għalhekk, aktar stimulu fil-livell Komunitarju jista' jwassal għall-iffrankar tal-enerġija addizzjonali.

L-għażla D1: Jiġu speċifikati r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija mifruxa mal-UE. Il-proposta tinvolvi li jiġu proposti l-livelli speċifiċi tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija. Din tħalli l-parti l-kbira tal-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija tittieħed, tiffaċilita l-kummerċ li jsir fit-transfruntieri, u tappoġġja s-suq intern tal-materjal u tal-għodda li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni. Madankollu, biex wieħed jiddetermina dawn il-livelli se tkun biċċa xogħol impenjattiva ħafna u ta' ħafna tilwim u se timplika livell għoli ħafna ta' regolament tal-UE.

L-għażla D2: Jiġi introdott mekkaniżmu tal-iffissar tan-normi. Il-proposta għandha tintroduċi mekkaniżmu tal-iffissar tan-normi fil-metodoloġija prinċipali tal-EPBD biex tikkalkula l-ogħla livell tal-ispejjeż tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija għall-bini. Id-dispożizzjonijiet attwali tal-EPBD mhumix se jinbidlu u l-Istati Membri xorta waħda jridu jistabbilixxu l-livelli individwali tagħhom. Mekkaniżmu tal-iffissar tan-normi jindika b'mod ċar jekk l-Istati Membri humiex taħt l-ogħla livelli, jiġifieri jintilfu l-flus mill-iffrankar tal-enerġija kull darba li jiġu applikati dawn ir-regolamenti tal-bini. Dan huwa strument tan-"normi mhux vinkolanti" imma b'mod sostanzjali jista' jgħolq 'peer-pressure' li fl-aħħar mill-aħħar iressaq lill-Istati Membri kollha lejn livelli ogħla u għalhekk, lejn livelli konsiderevolment ambizzjużi.

L-għażla D3: Jenħtieġ skema mtejbja li tevolvi għall-istokk tal-bini li tiffoka fuq il-bini bl-aħgar prestazzjoni. Qed jiġi propost li l-Istati Membri għandhom jippreparaw Pjanijiet ta' Azzjoni dwar kif jistgħu jiżdiedu r-rata ta' mmodernizzar u l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini bl-aħgar prestazzjoni. Approċċ bħal dan jenħtieġlu spejjeż amministrattivi għoljin għall-Istati Membri u se jkun ukoll ta' piż konsiderevoli għas-sidien ta' bini bi prestazzjoni fqira.

L-għażla D4: L-istabbiliment mifrux mal-UE dwar ir-rekwiżiti għal enerġija baxxa jew xejn/bini tal-karbonju/djar passivi. Jekk jiġi introdott rekwiżit bħal dan għall-bini mibni għid minn ċerta data 'l quddiem iwassal għall-bini għid bi prestazzjoni tajba ħafna u li jippromwovi l-innovazzjoni. Madankollu, dan jgħolli l-prezzijiet tad-djar u l-investiment addizzjonali jista' ma jiġix imħallas lura kompletament mill-iffrankar tal-ispjiza tal-enerġija, li jkun ta' piż sostanzjali għaċ-ċittadini u għall-baġits nazzjonali. Għalhekk, jista' jintuża approċċ anqas preskrittiv li għandu jinkludi l-obbligu fuq l-iżvilupp tar-rotot' li fihom l-Istati Membri jibdwew juru l-impenn tagħhom favur djarr li jaħlu f'it enerġija u jkollhom f'it emissjonijiet.

L-analiżi tindika li l-għażla D2 tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-ogħla livelli tal-ispejjeż. L-għażla D3 tista' tiġi adottata mill-Istati Membri meta jibdwew il-ħidmiet nazzjonali, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija. L-għażla D4 tista' titqies f'formola anqas preskritta, jiġifieri mir-rotot nazzjonali.

Ġie propost li r-rwol tas-settur pubbliku, bħala eżempju ewlieni, għandu jiżdied b'obbligi aktar stretti fil-wiri taċ-ċertifikat u skadenzi iqsar minn tas-setturi l-oħra biex jiġu ssodisfati id-dispożizzjonijiet riveduti.

Konklużjonijiet

Huwa possibbli li jkun hemm impatti pożittivi sostanzjali jekk id-Direttiva tiġi riveduta. Dawn l-impatti jibdwew jużaw parti kbira mill-potenzjal li jibqa' fis-settur tal-bini u jikkontribwixxu wkoll għar-realizzazzjoni tal-potenzjal sħiħ tal-EPBD attwali. Dan johlq ukoll qafas issimplifikat u mtejjeb għall-iffrankar tal-enerġija.

L-impatt b'minimu totali tal-għażliet l-aktar benefiċi li għalihom kienet possibbli l-kwantifikazzjoni, hu:

- iffrankar tal-enerġija ta' 60 – 80 Mtoe fis-sena sal-2020, jiġifieri tnaqqis ta' 5-6% tal-konsum tal-enerġija finali fl-2020;
- iffrankar tas-CO₂ ta' 160 sa 210 Mt fis-sena sal-2020, jiġifieri 4-5% tal-emissjonijiet totali tas-CO₂ fl-2020;
- potenzjal ta' 280,000 (sa 450 000) impjeg għid sal-2020, prinċipalment fis-settur tal-konstruzzjoni, persuni li jiċċertifikaw l-enerġija, awdituri u spetturi tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkondizzjonata.

Ir-rekwiżiti tal-investiment u l-ispejjeż amministrattivi ġew analizzati u huma relattivament baxxi meta mqabbla mal-benefiċċji u mad-dħul. Pereżempju, jekk jitneħħa l-limitu jkun hemm żieda ta' €8 biljun spejjeż kapitali addizzjonali fis-sena imma jgħib miegħu €25 biljun iffrankar tal-ispejjeż tal-enerġija fis-sena sal-2020 fuq l-iskala tal-UE u għalhekk, johlq tnaqqis fl-ispejjeż negattivi tas-CO₂.

Il-ħtiġijiet tal-investiment ivarjaw sostanzjalment madwar l-Ewropa, jiddependi mill-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi, mill-istat inizjali tal-propjetà u mit-tip ta' rinnovazzjoni li tkun se ssir. Mhumiex imqassmin bl-istess mod bejn iċ-ċittadini tal-EU, jiġifieri se jkun hemm spejjeż addizzjonali għal dawk li jagħmlu rinnovazzjoni estensiva tal-bini tagħhom jew li huma involuti fi tranżazzjoni tal-propjetà. Madankollu, bil-prezzijiet għoljin taż-żejt, dawn l-investimenti inizjali se joffru dħul attraenti.

Il-benefiċċji ġenerali għas-soċjetà f'termini ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, u allura tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ u d-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija, il-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment fil-livell lokali u reġjonali, livell tajjeb tas-saħħa u produttività tax-xogħol, jisbqu bil-kbir l-ispejjeż tal-miżuri analizzati.